MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2088/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**Ebony Jade Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-bank attur s-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm234.50) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm223.69 bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 11852030013 u in kwantu ghas-somma ta’ Lm10.81 bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 20000098224 u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju 2004.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mit-30 ta’ Gunju 2004 kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-bank attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-bank attur s-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm234.50), bl-imghaxijiet mit-30 ta’ Gunju 2004.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------